MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 33/2012

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) illi permezz tieghu l-attur talab hlas ta' danni fis-somma ta' elf u tnejn u hamsin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€1052.84) minghand il-konvenuta, wara incident fejn il-vettura tieghu bin-numru FBU 432 tat-tip Hyundai Accent kienet involuta f'incident waqt li kienet qed tinstaq fi triq ir-Rabat, Zebbug, Ghawdex fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) , meta ntlaqtet minn zmiemel imnaffar gwidat mill-konvenuta. Bl-ispejjes kif mitluba fl-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn bl-ewwel eccezzjoni giet kkontestata l-kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jaqta' u jiddeciedi din il-vertanza, stante illi peress illi dan il-kaz jitratta minn 'hsara involuntarja fil-propjeta li fiha huma involuti vetturi bil-mutur' il-kaz irid jigi riferut ghal arbitragg mandatarju. L-eccezzjonijiet l-ohra kienu fil-mertu.

Ra' l-atti kollha tal-kawza, inkluz n-nota ta' riferenzi tal-partijiet.

Ra d-digriet tieghu tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi b'din l-ecccezzjoni il-konvenuta qed tghid illi l-kompetenza biex jigi trattat u deciz il-kaz odjern tvesti fic-Centru ta' l-Arbitragg skond il-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-raba skeda tal-Kapitolu 387 jinghad hekk:-

*It-tilwimiet hawn izjed 'l isfel imsemmija fit-Taqsima A ghandhom jigu determinati b'arbitragg u ghandhom jittiehdu f'arbitragg taht ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b'zieda ma' dawk ir-regoli li jistghu jigu mahruga mic-centru minn zmien ghal zmien.*

*Taqsima A*

*……………...*
*1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur*

*Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:*
*(a) kolliżjoni bejn vetturi, jew*
*(b) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew*
*(ċ) talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, underwriter approvat mill- Ministru responsabbli għattrasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u*

*(d) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

Il-ligi issemmi jew kollizzjonijiet bejn zewgt vetturi, li ma jinkwadrax fil-kaz in ezami; kif ukoll hsara involuntarja fil-propjeta li tinvolvi vetturi. Dan l-ahhar sub paragrafu kien suggett ta' interpretazzjonijeit varji mill-Qrati nostrani. Fis-sentenza deciz mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet **Middle Sea Insurance plc vs Gevimida Limited**. F'dak il-kaz kien waqa hajt ta' bini fuq vettura. Il-Qorti ta' l-appell irriteniet illi l-kompetenza kienet tvesti fit-Tribunal u u Qrati ordinarji u mhux fit-Tribunal ghal l-Arbitragg. Decizjoni simili huwa l-lodo moghti mit-Tribunal ghal Arbitragg inniffsu fl-arbitragg numru M1713/2008 fl-ismijiet **George Said vs Christian Paul Bonnett et.**

Minn naha l-ohra il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha **Joseph Ciscaldi ezercitanti l-kummerc taht l-isem Butterfly Car Rentals vs Nicholas Camilleri** deciza fid-19 ta' April 2012 irretenti illi f'dak il-kaz kien mandatorju l-arbitragg u l-Qrati ordinarji ma kellhomx kompetenza. L-istess insenjament gie ripetut fis-sentenza moghtia minn l-istess Qorti identikament preseduta fis-sentenza **Fogg Insurance Agencies Limited vs Kunsill Lokali Gzira** deciza fis-16 ta' Otttubru 2012.

Fil-kaz odjern l-allegati danni gew kagunati lil attur sid u xufier ta' vettura, meta allegatament ziemel imnafar dahal go fiha waqt li din kienet qed tinstaq.

It-Tribunal rinfaccat b'decizjonijiet konfliggenti tal-Qorti ta' l-Appell, li ghalkemm ma jorbtuhx fil-mod kif ghandu jiddeciedi, certament li huma linja ta' gwida importanti, ihoss illi jaqbel mar-ragunament adottat fis-sentenza **Middle Sea Insurance plc vs Gevimida Limited**. Dan ghar-ragunijiet segwenti:- Fl-ewwel lok il-ligi ta' l-Arbitragg mandatorju hija eccezzjoni ghar-regola sogrosanta illi huwa dritt ta' kull individwu illi jirrikorri ghal qrati tal-Gustizzja meta jhoss dak il-bzonn. Bhala eccezzjoni ghal

regola tant serja, l-interpretazzjoni ta' tali ligi ghandha tkun wahda stretta immens. Fit-tieni lok l-interpretazzjoni tal-ligi ghandha tkun konsana mar-raguni u f'dan il-kaz ma jidhirx li huwa ragonevoli propju f'materja eccezzjonali u ta' impozizzjoni mandatorja, illi jigu ammessi estensjonijiet ta' kontroversju li l-istess legislatur ma kkontemplax. Fil-fatt in segwitu ghal dan wiehed josserva illi dak li verament ried il-legislatur kien illi ghal l-arbitragg mandatarju jigu riservati kwistjonijiet fuq id-dannu ikun ikkagunat minn vettura kemm jekk din il-vettura tikkaguna dannu fuq vettura ohra, kif ukoll jekk tali vettura tikkaguna dannu fuq propjeta ohra. Jekk wiehed jifli sew il-kliem tal-ligi b'mod unit jinghad illi l-arbitragg mandatarju jikkontempla *"Kull tilwima ċivili jew kummerċjali,….. li tkun tilwima li toriġina minn ….. ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi".* Kwindi l-legislatur qed jirreferi ghal hsara fil-propjeta liema hsara tinvolvi l-vetturi u ghalhekk li tkun ikkagunata minn vettura. Ghalhekk minn l-istess intestazzjoni tas-subparagrafu 1.2 it-tilwima li l-legislatur jirriserva b'mod mandatorju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kawzali ma' incidenti ta' traffiku li jikkagunaw danni materjali fl-istess vetturi jew fil-propjeta ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess propjeta minn vettura.

Fil-kaz odjern l-attur qed jallega illi t-tamponament li sehh, sar minn ziemel imnffar u kwindi mhux minn vettura ohra. Ghalhekk dan it-Tribunal jemmen illi huwa kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz. Kienet probabilment tkun differenti x-xena kieku sid ta' ziemel ifittex ghal danni wara li vettura misjuqa tkun habtet go fih.

Ghal dawn il-motivi dan it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta bl-ispejjes ta' din is-sentenza preliminari jibqghu riservati ghal gudizzju finali. Jordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------